KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.6.2011
KUMM(2011) 336 finali

2011/0147 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf fl-2006 bir-Regolament (KE) Nru 1927/2006[1] bil-għan ewlieni li juri solidarjetà mal-ħaddiema li jingħataw is-sensja bħala konsegwenza tal-bidliet fil-mudelli tal-kummerċ dinji u jipprovdilhom l-assistenza. Billi jikkofinanzja l-miżuri tal-politika tas-suq tax-xogħol attiv, l-EGF kellu jiffaċilita l-integrazzjoni mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol tal-ħaddiema f'oqsma, setturi, territorji jew reġjuni tas-suq tax-xogħol li jġarrbu xokk minn tfixkil serju fl-ekonomija. Il-kundizzjoni għall-eliġibbiltà għas-sostenn mill-FEG kienet is-somma ta' mill-inqas 1 000 sensja tul perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża u l-fornituri u l-produtturi aktar 'l isfel fil-katina tal-attivitajiet inkella tul perjodu ta' disa' xhur f'settur ekonomiku definit bħala Diviżjoni tar-Reviżjoni 2 tan-NACE f'reġjun wieħed, jew fi tnejn qrib xulxin, stabbiliti fil-livell NUTS II. Il-kontribuzzjoni massima mill-FEG kienet stabbilita fil-livell ta' 50% tal-kostijiet totali tal-miżuri għal suq tax-xogħol attiv u l-perjodu tal-implimentazzjoni tal-miżuri sostnuti mill-FEG ma jistax jaqbeż it-12-il xahar mid-data tal-applikazzjoni.

Fid-dawl tal-iskala u tar-ritmu mgħaġġel li bih żviluppat il-kriżi finanzjarja u ekonomika fl-2008, il-Kummissjoni, fil-Pjan Ewropew tagħha ta' Rkupru Ekonomiku[2], ħasbet li tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-għan ta' din ir-reviżjoni, li wassal għaliha r-Regolament (KE) Nru 546/2009[3], kien li jiġi estiż l-ambitu tal-FEG bħala parti mir-reazzjoni tal-Ewropa għall-kriżi u tbiddlu fi strument bikri ta' intervent aktar effettiv f'konformità mal-prinċipji fundamentali ta' solidarjetà u ġustizzja soċjali. L-emendi inkludew bidliet permanenti fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006, bħalma hu t-tnaqqis minn 1 000 għal 500 fil-għadd ta' sensji meħtieġa biex tkun tista' ssir applikazzjoni għal sostenn mill-FEG u estensjoni minn 12 għal 24 xahar għall-perjodu fejn jiġu implimentati l-miżuri sostnuti mill-FEG. Kienet ġiet introdotta deroga temporanja sabiex (1) tkabbar l-ambitu tal-FEG biex ikopri s-sostenn favur dawk il-ħaddiema li jingħataw is-sensja b'effett dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika (il-paragrafu 1 tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) u (2) biex iżżid il-livell ta' kofinanzjar mill-FEG minn 50 sa 65% (l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006). Id-deroga temporanja tiskadi fit-30 ta' Diċembru 2011 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 hemm stipulata l-possibbiltà li din tiġi riveduta.

Bejn l-1 ta' Jannar 2007 u t-30 ta' April 2009 (i.e. qabel ma kienet teżisti d-deroga marbuta mal-kriżi), il-Kummissjoni kienet irċeviet 15-il applikazzjoni, hekk li indirizzat l-għajnuna lil 18 430 ħaddiem u t-total sħiħ tal-kontribut mitlub mill-FEG kien ta' EUR 78 776 367.

Mill-1 ta' Mejju 2009, jiġifieri minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 546/2009 li jirrevedi r-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-għadd ta' applikazzjonijiet —kif jidher hawn taħt — żdied b'mod sinifikanti.

---

[1] ĠU L 48, 22.2.2008, p. 82

[2] COM(2008)800, 26.11.2008

[3] ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26

**Applikazzjonijiet għall-għajnuna mill-FEG imressqa fil-kuntest tad-deroga temporanja marbuta mal-kriżi**

| Sena | Għadd ta' applikazzjonijiet | Għadd ta' ħaddiema fil-mira | It-total tal-kontributi mitluba mill-FEG (EUR) |
|---|---|---|---|
| 2009 | 22 | 19 381 | 99 396 898 |
| 2010 | 24 | 25 083 | 115 353 865 |
| **Total** | **46** | **44 464** | **214 750 763** |

**Applikazzjonijiet għall-għajnuna mill-FEG imressqa fil-kuntest tal-kriterju tar-rabta mal-kummerċ**

| Sena | Għadd ta' applikazzjonijiet | Għadd ta' ħaddiema fil-mira | It-total tal-kontributi mitluba mill-FEG (EUR) |
|---|---|---|---|
| 2009 | 4 | 6 569 | 25 990 290 |
| 2010 | 6 | 3 074 | 17 126 749 |
| **Total** | **10** | **9 643** | **43 117 039** |

Wara konsultazzjoni mnedija mill-Kummissjoni, l-Istati Membri indikaw li mingħajr deroga temporanja kien se jkun impossibbli li titressaq il-parti l-kbira tal-applikazzjonijiet marbuta mal-kriżi, hekk li 45 000 ħaddiem li batew il-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja u ekonomika kienu se jibqgħu mingħajr għajnuna mill-FEG. Barra minn dan, ir-rata akbar ta' 65 % ta' kofinanzjament, b'mod globali, naqqset il-piż tal-iffinanzjar tal-miżuri sostnuti mill-FEG għall-Istati Membri applikanti b'madwar EUR 60 miljun għall-applikazzjonijiet kollha mressqa bejn l-1 ta' Mejju 2009 u l-31 ta' Diċembru 2010[4].

Id-deċiżjoni dwar l-iskadenza tad-deroga temporanja marbuta mal-kriżi kienet ittieħdet fl-2009. Dak iż-żmien, l-aktar Tbassiriet Ekonomiċi tal-Kummissjoni[5] riċenti li kien hemm disponibbli (tal-Ħarifa 2008), għall-Unjoni Ewropea (UE) kollha kemm hi, kienu jindikaw irkupru gradwali minn nofs l-2009 bl-istennija ta' tkabbir ta' 0,2 % tal-PGD fl-2009 u ta' 1,1 % fl-2010. Kien imbassar li fl-2009 kien se jkun hemm tnaqqis ta' 0,5% fl-impjiegi u li fl-2010 dawn kellhom jiżdiedu b'0,1%. Ir-rata tal-qgħad kienet mistennija tilħaq is-7,8% u t-8,1% tal-forza tax-xogħol fl-2009 u fl-2010, rispettivament. B'paragun ma' dawn it-tbassiriet, is-sitwazzjoni fl-2009 irriżultat waħda pjuttost agħar. Il-PGD fl-UE niżel b'4,2 % filwaqt li l-impjiegi naqsu b'1,9 % u r-rata tal-qgħad laħqet it-8,9 %. Minkejja l-fatt li t-tkabbir tal-PGD fl-2010 hu previst li jkun ogħla milli mistenni, fil-livell ta' xi 1,8 %, l-impjiegi komplew jonqsu b'0,6 % filwaqt li r-rata tal-qgħad laħqet ir-rekord għoli ta' 9,6 %.

Barra minn hekk, l-aktar tbassir riċenti tat-Tbassiriet Ekonomiċi tal-Kummissjoni (tar-Rebbiegħa 2011) jindika li l-prospetti għal irkupru ekonomiku u speċjalment għal wieħed fis-suq tax-xogħol fl-2011 u l-2012 huma agħar minn dawk mistennija b'mod ġenerali fir-Rebbiegħa tal-2008. Dan hu partikolarment minnu fejn jidħol il-ħolqien ta' impjiegi ġodda u r-rata tal-qgħad. Għall-2011, it-tbassir tal-Ħarifa jipprevedi żieda żgħira fl-impjiegi ta' 0,4 %

---

4 Esklużi l-applikazzjonijiet li ġew irtirati jew irrifjutati

5 http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/european_economy/forecasts_en.htm

kif ukoll rata stabbli f'dak li hu qgħad ta' 9,5 %. Għall-2012, l-istess tbassir jipprevedi li t-tkabbir fl-impjiegi se jibqa' wieħed imrażżan, 0.7%, u li r-rata tal-qgħad se tibqa' fil-livell ta' 9,1%. Dan jirrifletti l-fatt li l-irkupru fl-impjiegi normalment jiġi wara dak tal-PGD. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol relattivament dgħajfin[6], minkejja t-titjib gradwali fil-prospetti tat-tkabbir tal-Prodott Gross Domestiku (PGD), juru li apparti l-effett tal-irtirar tal-miżuri ta' politika meħudin b'reazzjoni għall-kriżi biex jittaffa l-effett tagħha fuq il-qgħad, l-aġġustament strutturali b'effett tal-kriżi għadu għaddej fis-setturi u l-intrapriżi hekk li għandu jkun mistenni li għal ċertu żmien se jkun hemm iktar sensji kawża tal-għeluq ta' xi intrapriżi. Għaldaqstant, titjib aktar sostanzjali fil-qagħda tal-impjiegi jista' jixref biss mill-2013 'il quddiem.

Din l-istampa ta' rkupru pjuttost mingħajr impjiegi hija kkonfermata mill-Kummissjoni fl-Istħarriġ Annwali tagħha dwar it-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi[7]. Sabiex ikun evitat ir-riskju li jerġa' jkun hemm tkabbir mingħajr biżżejjed ħolqien dinamiku ta' impjiegi, jidher li hu essenzjali li jiġi indirizzat il-qgħad u li wieħed jipprevjeni l-esklużjoni fit-tul mis-suq tax-xogħol. Biex il-fatturi ewlenin li jwasslu għat-tkabbir jerġgħu jissaħħu, hemm bżonn ta' riallokazzjoni tax-xogħol u tal-kapital fis-setturi u l-intrapriżi kif ukoll ta' inċentivi finanzjarji aħjar b'mod li ngħaddu mill-qgħad għax-xogħol.

Kif stqarret il-Kummissjoni, il-kriżi wasslet għal telf kbir fl-attività ekonomika, għal żieda sostanzjali fil-qgħad, għal waqgħa kbira fil-produttività, u għal finanzi pubbliċi tassew dgħajfa. Dan hu kuntest partikolarment diffiċli biex l-Istati Membri jipprovdu għajnuna mfassla b'mod u manjiera li tilħaq lil għadd kbir ta' ħaddiema li tilfu xogħolhom fl-istess żmien kawża tal-kriżi. Estensjoni tar-rata akbar ta' kofinanzjament mill-FEG ta' 65 % tippermetti li jitnaqqas xi ftit mill-piż fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri.

L-impatt tal-kriżi fuq il-kumpaniji li jagħlqu, li mistenni li se jibqa', flimkien mal-ħtieġa għal konsolidament fiskali fl-Istati Membri, jiġġustifika l-estensjoni tad-deroga marbuta mal-kriżi fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Għaldaqstant, hu ssuġġerit li d-deroga temporanja marbuta mal-kriżi, li tiskadi fit-30 ta' Diċembru 2011, tkun estiża sal-31 ta' Diċembru 2013, jiġifieri sa tmiem il-perjodu tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Dan għandu jagħmilha possibbli għall-Istati Membri li jkomplu jressqu l-applikazzjonijiet għall-għajnuna mill-FEG għall-benefiċċju tal-ħaddiema li għadhom qed jitilfu xogħolhom kawża tal-kriżi finanzjarja u ekononomika u biex dawn jibbenefikaw minn rata ta' kofinanzjament mill-FEG ta' 65 %.

- **Il-kuntest ġenerali**

Minn meta ġiet introdotta d-deroga tempranja marbuta mal-kriżi, kien hemm żieda sinifikanti fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna mill-FEG kif ukoll żieda fl-għadd ta' Stati Membri li applikaw għall-għajnuna mill-FEG. Dan jindika li r-rwol tal-FEG bħala strument ta' intervent waqt kriżi f'każ ta' sensji fuq skala kbira, kawża tal-kriżi finanzjarja u ekonomika, qed jiġi aċċettat tassew.

Il-Parlament Ewropew appella għall-estensjoni tad-deroga marbuta mal-kriżi fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010[8] dwar l-iffinanzjar u l-funzjonament tal-Fond Ewropew ta'

---

6 Ibid.
7 COM(2011)11, 12.1.2011
8 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (2010/2072/INI)

Aġġustament għall-Globalizzazzjoni. Il-Parlament Ewropew qies li *'il-perjodu tal-validità tad-deroga inserit fl-2009 bil-għan li jiġu megħjuna l-ħaddiema li jitilfu xogħolhom minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja għandu jiġi estiż sa tmiem il-Qafas Finanzjarju Multiannwali attwali u li r-rata ta' kofinanzjament għandha, għaldaqstant, tinżamm fil-livell ta' 65 %, u dan minħabba li l-kawżi prinċipali li fuqhom tistrieħ l-approvazzjoni ta' dawn għadhom għal kollox eżistenti.'*

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-Fond Soċjali Ewropew[9] (FSE) ġie stabbilit biex jikkontribwixxi għall-prijoritajiet tal-Komunità fejn tidħol il-koeżjoni ekonomika u soċjali permezz tat-titjib fl-opportunitajiet tal-impjiegi u x-xogħol, filwaqt li jippromwovi livell ogħli ta' impjegar kif ukoll aktar impjiegi u li huma wkoll aħjar. Huwa jappoġġja l-Istrateġija Ewropea tal-Impjiegi kif ukoll il-politika tal-Istati Membri li l-għan tagħhom huwa li jinkiseb stat ta' xogħol għal kulħadd u kwalità u produttività fix-xogħol, tiġi promossa l-inklużjoni soċjali, inkluż l-aċċess għax-xogħol lin-nies żvantaġġati, u jitnaqqsu d-diskrepanzi bejn l-impjiegi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

Id-differenza prinċipali fil-FEG hija li l-FSE jikkonsisti fi programmi multiannwali li jsostnu miri strateġiċi li jifirxu fit-tul – notevolment l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u r-ristrutturar, b'attivitajiet bħalma huma t-tagħlim tul il-ħajja. Il-FEG, min-naħa l-oħra, jipprovdi għajnuna individwali ta' darba, li tkun ristretta għal żmien partikulari, immirata direttament għall-ħaddiema milquta mis-sensji riżultat tal-globalizzazzjoni tal-kummerċ jew tal-kriżi finanzjarja u ekonomika. Biex tkun promossa l-għajnuna effettiva li tingħata lil ħaddiema li jispiċċaw qiegħda, it-tul tal-miżuri ta' sostenn mill-FEG u l-għażla tal-istrument jistrieħu fuq valutazzjoni ta' jekk is-sensji humiex kawża ta' possibbiltà ta' tnaqqis temporanju fl-attività tal-intrapriża u l-fornituri rilevanti, jew fis-settur ekonomiku, inkella minħabba fatturi strutturali permanenti.

- **Konsistenza mal-politiki u l-objettivi l-oħra tal-UE**

Il-FEG jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, li għandhom jippermettu lill-Unjoni toħroġ iktar b'saħħitha mill-kriżi, u tressaq l-ekonomija tagħha lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, flimkien ma' livell għoli ta' impjiegi, produttività u koeżjoni soċjali. Fil-Komunikazzjoni[10] Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, il-Kummissjoni tara rwol ċar għall-FEG fil-kuntest tal-inizjattiva ewlenija 'Politika industrijali fl-era tal-globalizzazzjoni', partikolarment fid-dawl għar-ridistribuzzjoni tal-ħiliet għas-setturi u s-swieq emerġenti li qed jaraw tkabbir sinifikanti.

Billi jimmira lejn ir-riintegrazzjoni fix-xogħol u f'qasir żmien tal-ħaddiema li jkunu tilfu xogħolhom kawża tal-globalizzazzjoni u tal-kriżi finanzjarja u ekonomika, il-FEG jikkontribwixxi għal-linji gwida li ġejjin[11] dwar il-politiki tax-xogħol tal-Istati Membri:

– Linja gwida 7: Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol, it-tnaqqis tal-qgħad strutturali u l-promozzjoni tal-kwalità tax-xogħol;

[9] Regolament (KE) Nru 1081/2006, ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12

[10] COM(2010)2020, 3.3.2010

[11] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri. ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46

– Linja gwida 8: L-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'ħiliet li jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja;

– Linja gwida 10: Il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar.

Finalment, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda – L-antiċipazzjoni u t-tlaqqigħ tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa[12], il-Kummissjoni enfasizzat in-neċessità li l-UE twitti t-triq għall-irkupru b'mod li jissaħħaħ il-kapital uman u l-impjegabbiltà billi jiġu aġġornati l-ħiliet, kif ukoll billi tkun assigurata l-provvista tal-ħiliet u d-domanda tas-suq tax-xogħol. Il-miżuri għall-attivazzjoni, għat-taħriġ mill-ġdid u għall-aġġornament tal-ħiliet kienu identifikati bħala l-mezzi biex jiżdiedu l-impjiegi u r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-kofinanzjament tal-attivitajiet biex jiġu aġġornati l-ħiliet huwa wieħed mill-objettivi ewlenin tal-FEG.

- **L-impatt fuq id-drittijiet fundamentali**

Din il-Proposta ma għandha l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

*Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li ħadu sehem*

Lill-Istati Membri, il-Kummissjoni kkonsultathom darbtejn: l-ewwel permezz ta' kwestjonarju fis-26 ta' Awwissu 2010 u t-tieni, f'laqgħa li saret f'Porto fid-29 u t-30 ta' Settembru 2010. L-għan ewlieni ta' dawn il-konsultazzjoniiet kien li jinġabru l-opinjonijiet dwar l-effettività tal-emendi marbuta mal-kriżi introdotti fl-2009 permezz tal-Artikolu 1.1a u l-Artikolu 10(1) fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jiskadu fit-30 ta' Diċembru 2011 u dwar il-bżonn li dawn jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2013.

*Sommarju tat-tweġibiet u ta' kif ġew ikkunsidrati*

Dwar il-possibbiltà li kien hemm biex jitressqu l-applikazzjonijiet għas-sensji marbuta direttament mal-kriżi finanzjarja u ekonomika (l-Artikolu 1.1a tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) il-konsultazzjoni indikat li dan kien tabilħaqq ippermetta lill-Istati Membri biex jitolbu l-għajnuna mill-FEG għall-ħaddiema li tilfu xogħolhom kawża tal-kriżi u biex tingħatalhom assistenza mill-FEG għar-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri indikat li dawn il-ħaddiema ma setgħux jibbenefikaw mill-għajnuna tal-FEG abbażi tal-kriterji tal-globalizzazzjoni marbuta mal-kummerċ. Il-konsultazzjoni kompliet tindika li ġeneralment inħass eħfef li tinġabar l-evidenza u li tiġi stabbilita rabta ippruvata bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika, milli b'rabta mal-tibdil fil-mudelli tal-kummerċ dinji kawża tal-globalizzazzjoni.

Dwar il-bżonn li d-deroga tiġi estiża sa tmiem l-2013, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li wieġbu esprimew ix-xewqa tagħhom li jkun possibbli li jibqgħu jitressqu iktar

[12] COM(2008) 868, 16.12.2008

applikazzjonijiet għas-sensji marbuta mal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. L-argumenti favur din l-estensjoni inkludew kummenti dwar l-esperjenza pożittiva bl-impatt tal-għajnuna li waslet mill-FEG fuq il-kapaċità tal-ħaddiema biex jirriintegraw ruħhom fis-suq tax-xogħol f'sitwazzjoni fejn l-effetti tal-kriżi ekonomika kellhom jibqgħu jinħassu wara l-2011; fejn dan spiċċa affettwa lill-Istati Membri fi żminijiet differenti u fejn l-effetti tal-kriżi fuq l-impjiegi kienu għadhom b'saħħithom. Barra minn hekk, inġibdet l-attenzjoni li estensjoni ta' sentejn oħra ma kellhiex tikkomprometti s-snin lil hinn mill-2013.

Rigward il-possibbiltà għall-applikanti biex jibbenefikaw minn rata ta' kofinanzjament ta' 65 % (l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006), il-konsultazzjoni indikat li r-rata miżjuda ta' kofinanzjament kienet iffaċilitat id-deċiżjoni li titressaq applikazzjoni għall-għajnuna mill-FEG għal għadd ta' raġunijiet. Il-15 % aktar ippermettew li lill-ħaddiema kkonċernati jingħatalhom l-ekwivalenti f'għajnuna addizzjonali Id-diskrepanza bejn ir-rata tal-FSE u dik tal-FEG kienet tnaqqset għall-Istati Membri li setgħu jiksbu rati ogħla mill-FSE u mingħajr dan it-tnaqqis ma setgħu jressqu ebda applikazzjoni għall-FEG. Il-kofinanzjament nazzjonali baqa' problema, iżda minħabba li issa l-livell kien ta' 35 % — mhux ta' 50 % — il-problema naqset fil-gravità tagħha. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri sabu li r-rata ta' 65 % waqt il-kriżi kienet waħda xierqa u esprimew ruħhom favur estensjoni ta' din ir-rata ogħla ta' intervent sa tmiem l-2013.

Ir-riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet huwa rifless fl-emendi proposti għar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kien hemm bżonn ta' ebda għarfien espert estern.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Għal din il-proposta ma kien hemm bżonn ta' ebda valutazzjoni tal-impatt.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Sabiex tkun estiża d-deroga temporanja ta' għajnuna għall-ħaddiema mogħtija s-sensja kawża tal-kriżi finanzjarja u ekonomika, id-data stabbilita fit-tieni paragrafu tal-paragrafu 1a tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 hija sostitwita b'dik tal-31 ta' Diċembru 2013. Din l-emenda testendi wkoll, awtomatikament, ir-rata akbar ta' kofinanzjament ta' 65 % sal-istess ġurnata, kif stipulat fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

- **Bażi legali**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika minħabba li l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE.

L-objettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu għal kollox mill-Istati Membri. Jistgħu jinkisbu biss billi jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

L-azzjoni fil-livell tal-UE se twassal għal kisba aħjar tal-objettivi ta' solidarjetà stabbiliti fil-proposta għar-raġunijiet li ġejjin.

L-adattabbiltà tal-FEG, strument finanzjarju disponibbli fil-livell tal-UE, għall-ħtiġijiet tas-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ta' bħalissa, tista' tirnexxi biss permezz ta' inizjattiva leġiżlattiva meħuda fil-livell tal-UE.

Meta għamlet il-proposta, il-Kummissjoni straħet fuq il-ħtiġijiet li jixirfu mill-valutazzjoni ta' bħalissa tas-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-Istati Membri u fuq it-tbassir ekonomiku tal-perjodu 2012-13. Dawn ivarjaw b'mod sinifikanti mill-valutazzjoni u t-tbassir disponibbli fi tmiem l-2008 u l-bidu tal-2009, meta l-emendi temporanji marbuta mal-kriżi kienu ġew introdotti fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Din il-proposta għalhekk tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, l-emendi proposti għar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ma jmorrux lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex ikun aġġustat il-funzjonament tal-FEG għat-tbassiriet attwali fejn tidħol il-kriżi finanzjarja u ekonomika u l-impatt tagħha fuq l-impjiegi u fuq id-defiċits tal-Istati Membri billi (1) iħallu l-possibbiltà li jitressqu applikazzjonijiet għall-għajnuna mill-FEG għall-ħaddiema mogħtija s-sensja kawża tal-kriżi finanzjarja u ekonomika li għadha għaddejja u (2) jipprovdu għal rata ta' kofinanzjament ta' 65 % minflok ta' 50 %.

Id-deroga marbuta mal-kriżi tagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri li japplikaw għall-għajnuna mill-FEG għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja kawża tal-kriżi fil-każijiet fejn tista' tkun stabbilita rabta ċara u ppruvata bejn dawn is-sensji u l-kriżi. Huwa ovvju li din il-possibbiltà ma tintużax kemm-il darba ma jkunx hemm każijiet simili.

Il-proposta ma timponix xi piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri b'paragun mar-rekwiżiti imposti mid-dispożizzjonijiet attwali tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Regolament.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati minħabba r-raġuni li ġejja:

Regolament huwa l-istrument legali xieraq biex jiġi emendat ir-regolament eżistenti.

## 4. IMPLIKAZZJONI TAL-BAĠIT

L-Artikolu 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006[13] dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda jipprevedi li l-FEG ma jistax jaqbeż ammont minimu annwali ta' EUR 500 miljun.

Abbażi tat-talbiet għall-għajnuna mill-FEG fil-passat[14], l-estensjoni proposta tad-deroga marbuta mal-kriżi fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 mhix mistennija taqbeż l-ammont massimu annwali. It-talbiet laħqu l-EUR 51,8 miljun fl-2007 u l-EUR 20,6 miljun fl-2008. Fl-2009, l-ammont totali ta' għajnuna li ntalbet mill-FEG laħaq il-EUR 131,7 miljun, li minnhom 75 % kienu jikkonċernaw applikazzjonijiet b'rabta mal-kriżi filwaqt li 25 % kienu jikkonċernaw applikazzjonijiet b'rabta mal-kummerċ. Fl-2010, l-ammont totali ta' għajnuna li ntalbet mill-FEG laħaq il-EUR 132,5 miljun, li minnhom 87 % kienu jikkonċernaw applikazzjonijiet b'rabta mal-kriżi filwaqt li 13 % kienu jikkonċernaw applikazzjonijiet b'rabta mal-kummerċ.

---

13 ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

14 Esklużi l-applikazzjonijiet li ġew irtirati jew irrifjutati

2011/0147 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li għaddew l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[15],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[16],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006[17] stabbilixxa l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (minn hawn 'il quddiem il-'FEG') biex jippermetti lill-Unjoni issostni u turi solidarjetà mal-ħaddiema li ngħataw is-sensja kawża tal-bidliet strutturali maġġuri fil-mudelli tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni.

(2) Bħala parti mir-reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u ekonomika, ir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009[18] emenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 billi jipprovdi, b'mod partikolari, għal deroga temporanja mmirata biex twessa' l-ambitu tiegħu sabiex ikopri s-sensji kawża tal-kriżi kif ukoll żieda temporanja fir-rata ta' finanzjament mill-FEG.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali ekonomika u finanzjarja fl-Unjoni, huwa f'loku li din id-deroga tiġi estiża qabel l-iskadenza tagħha fit-30 ta' Diċembru 2011.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 għandu għalhekk ikun emendat bl-istess mod.

---

15 ĠU C , , p. .
16 ĠU C , , p. .
17 ĠU L 48, 22.2.2008, p. 82
18 ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006

it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Din id-deroga għandha tapplika għall-applikazzjonijiet kollha mressqa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

<u>**STQARRIJA FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI**</u>

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu(i) ta' mmaniġġjar previst(i)

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportaġġ

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet

**3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i)

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operattivi*

*3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kumpatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali preżenti*

*3.2.5. Parteċipazzjoni ta' terzi fil-finanzjament*

3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li Jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni |

### 1.2. Il-qasam(l-oqsma) ta’ politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[19]

| |
|---|
| L-Attività ABB: Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni kif inkluż fil-Pjan tal-Immaniġġjar tad-DĠ EMPL 2010 |

### 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma’ **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam ma’ **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[20]

**X** Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **l-estensjoni ta’ azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma’ **azzjoni indirizzata lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettivi

*1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku(strateġiċi) multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta(inizjattiva)*

| |
|---|
| Il-proposta taqa' taħt l-inizjattiva ewlenija 'Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni' li tagħmel parti mill-Istrateġija Ewropa 2020 tal-Kummissjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ. |

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku(speċifiċi) u l-attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata(i)*

| |
|---|
| <u>Objettiv speċifiku Nru 1</u>: Li tinżamm il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema mogħtija s-sensja kawża tal-bidliet fil-mudelli tal-kummerċ dinji u tal-kriżi finanzjarja u ekonomika .<br><br><u>Objettiv speċifiku Nru 2</u>: Jiżdied l-għarfien tal-FEG, bħala espressjoni ta' solidarjetà, fost il-pubbliku ġenerali |

[19] ABM: Activity-Based Management (Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività) – ABB: Activity-Based Budgeting (Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività).

[20] Kif inhu msemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernati: Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennijin*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Il-proposta se tippermetti lill-Unjoni Ewropea tkompli tagħti s-sostenn tagħha permezz tal-FEG b'rata ta' kofinanzjament ta' 65 % għal miżuri għal suq tax-xogħol attiv għall-ħaddiema li tilfu xogħolhom kawża tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. Barra minn dan, din ir-rata ta' kofinanzjament se jibbenefikaw minnha wkoll il-ħaddiema li tilfu xogħolhom kawża tal-globalizzazzjoni tal-kummerċ.

*1.4.4. Indikaturi ta' riżultati u impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

- L-għadd ta' applikazzjonijiet imressqa għall-għajnuna mill-FEG

- L-għadd ta' ħaddiema li tilfu xogħolhom fil-mira tal-għajnuna mill-FEG

- L-għadd ta' ħaddiema riintegrati fid-dinja tax-xogħol riżultat tal-miżuri sostnuti mill-FEG

## 1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li għandhom jintlaħqu fuq medda ta' żmien qasir jew twil*

Fid-dawl tal-kriżi finanzjarja u ekonomika , fl-2009 kien emendat ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 u pprovda għal deroga temporanja marbuta mal-kriżi. Din id-deroga tiskadi fit-30 ta' Diċembru 2011. Madankollu, l-iktar tbassiriet ekonomiċi riċenti jipprevedu li l-effetti tal-kriżi, u b'mod partikolari l-impatt negattiv tagħha fuq ir-ritmu tal-ħolqien tal-impjiegi fir-ristrutturar u fuq ir-rata tal-qgħad, se jkomplu għaddejjin tal-inqas sa tmiem l-2012. Din il-proposta għandha tippermetti lill-FEG biex jintervjeni fl-għajnuna lill-ħaddiema mogħtija s-sensja kawża tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali sal-31 ta' Diċembru 2013 b'rata ta' intervent ta' 65 %.

*1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-involviment tal-UE permezz tal-FEG jagħmilha possibbli li jiġu kkumplimentati l-mezzi nazzjonali disponibbli għar-riintegrazzjoni tal-ħaddiema mogħtija s-sensja kawża tal-globalizzazzjoni tal-kummerċ jew tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. L-esperjenza miksuba sa issa mill-FEG tidher li tindika li l-involviment tal-UE jagħmilha possibbli li tkun ipprovduta għajnuna aktar speċifika għal perjodu itwal, fejn ħafna drabi jkunu involuti miżuri li ma kinux ikunu pprovduti mingħajr involviment mill-UE.

*1.5.3. Għarfien miksub minn esperjenzi simili fil-passat*

Ara l-esperjenza mir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 stabbilita fil-Memorandum ta' spjega.

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti relevanti oħrajn*

| |
|---|
| Il-FEG huwa koerenti u joffri sinerġija mal-Fond Soċjali Ewropew. |

## 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

– X Proposta/inizjattiva temporanja

– **X** Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-31 ta' Diċembru 2011 sal-31 ta' Diċembru 2013

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☐ Proposta/**inizjattiva temporanja**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-SSSS sal-SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Il-metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)[21]

☐ **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** b'delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ entitatjiet stabbiliti mill-Komunitajiet[22]

– ☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku relevanti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

**X Ġestjoni maqsuma** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ***(trid tiġi speċifikata)***

*Jekk tindika iktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

[21] Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[22] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportaġġ

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet*

L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport kwalitattiv u kwantitattiv dwar l-attivitajiet li saru taħt dan ir-Regolament fis-sena ta' qabel. Dan ir-rapport fih, fost l-oħrajn, l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni fuq l-attivitajiet ta' monitoraġġ matul is-sena kkonċernata.

Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, qabel tmiem l-2011 il-Kummissjoni — f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri — trid tagħmel evalwazzjoni f'nofs il-perjodu tal-effettività u s-sostenibbiltà tar-riżultati miksuba bil-FEG. Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni trid twettaq, bl-assistenza ta' esperti esterni, valutazzjoni ex-post biex tkejjel l-impatt tal-FEG u l-valur miżjud tiegħu.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

*2.2.1. Riskj(i)i identifikat(i)*

Ir-riskji huma dawk marbuta mal-ġestjoni konġunta tal-Fondi Komunitarji.

*2.2.2. Metodu(i) ta' kontroll previst(i)*

Ir-rekwiżiti applikabbli għall-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju huma stipulati fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni jew protezzjoni eżistenti jew previsti.*

Il-miżuri biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet huma stipulati fl-Artikolu 18 (1) d u fl-Artikolu 18 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i)

- Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti

Fl-ordni skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Deskrizzjoni..........................................…..…] | AD/AMD (23) | Minn pajjiżi tal-EFTA[24] | mill-pajjiżi kandidati[25] | mill-pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. |
| 1.1 | 04.0501 Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<br><br>04.010414 Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva<br><br>40.0243 Riserva għall-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni | AMD | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Fl-ordni skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Intestatura…..............................................] | Diff./mhux diff. | minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | mill-pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. |
| mhux applikabbli | mhux applikabbli | […] | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

23 AD = Approprjazzjonijiet differenzjati / AMD= Approprjazzjonijiet mhux differenzjati
24 EFTA: European Free Trade Association (Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles).
25 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*Miljuni ta' EUR (sa 3 figuri deċimali)*

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | **Numru** | |
|---|---|---|

| DĠ: EMPL | | | Sena **2012**[26] | Sena **2013** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|
| • Approprazzjonijiet operazzjonali PM | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | Impenji | (1) | | | |
| | Ħlasijiet | (2) | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | |
| | Ħlasijiet | (2a) | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[27] | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | | (3) | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet** għad-DĠ EMPL | Impenji | =1+1a +3 | | | |
| | Ħlasijiet | =2+2a +3 | | | |

26 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

27 Assistenza u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | | | |
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA EMPL** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | =4+ 6 | | | |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | | | |

**<u>Jekk aktar minn intestatura waħda hija milquta mill-proposta / inizjattiva:</u>**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | | | |
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju multiannwali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | | | |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali: | 5 | " Nefqa amministrattiva " |
|---|---|---|

Miljuni ta' EUR (sa 3 figuri deċimali)

| | | Sena **2012** | Sena 2013 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|
| DĠ: EMPL | | | | |
| • Riżorsi umani | | Ebda impatt | Ebda impatt | |
| • Infiq amministrattiv ieħor | | | | |
| **TOTAL DĠ** EMPL | Approprjazzjonijiet | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Impenji totali = Ħlasijiet totali) | | | |

Miljuni ta' EUR (sa 3 figuri deċimali)

| | | Sena **N**[28] | Sena **N+1** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | | | |
| | Ħlasijiet | | | |

28 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operattivi*

– **X** Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn isfel:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta' EUR (sa 3 figuri deċimali)

| **Indika l-għanijiet u r-riżultati** | | | Sena **2012** | | Sena **2013** | | ... daħħal is-snin li hemm bżonn biex turi l-perjodu tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ⇩ | Tip ta’ riżultat[29] | Kost medju tar-riżultat | Għadd ta’ riżultati | Kost | Għadd ta’ riżultati | Kost | Għadd ta’ riżultati | Kost | Għadd ta’ riżultati | Kost | Għadd ta’ riżultati | Kost | Għadd totali ta’ riżultati | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[30] | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru°1 | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru°2 | | | | | | | | | | | | | | |

[29] Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ km ta’ toroq mibnija, eċċ.).

[30] Kif ġie deskritt fit-Taqsima 1.4.2. “Objettiv(i) speċifiku(ċi)…”

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **KOST TOTALI** | | | | | | | | | | | | |

### *3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sinteżi

– **X** Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☐ Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn isfel:

Miljuni ta' EUR (sa 3 figuri deċimali)

| | Sena 2012 [31] | Sena **2013** | ... daħħal is-snin li hemm bżonn biex turi l-perjodu tal-impatt (ara l-punt 1.6) | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|

| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | | | |
| Infiq amministrattiv ieħor | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | |

| **'Il barra mill-INTESTATURA 5[32] tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | |
| **Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | |

| **TOTAL** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|

31 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

32 Assistenza u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

### 3.2.3.2. Stima tal-bżonn ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani

– X Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn isfel:

*L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa figura deċimali waħda)*

| | | Sena **2012** | Sena **2013** | ... daħħal is-snin li hemm bżonn biex turi l-perjodu tal-impatt (ara l-punt 1.6) |
|---|---|---|---|---|
| xx 01 01 01 (Fil-Kwartieri Ġenerali u fl-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | |
| xx 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | |
| xx 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | |
| XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali") | | | | |
| XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | | | |
| **XX** 01 04 ***yy*** [33] | - fil-Kwartieri Ġenerali[34] | | | |
| | - fid-delegazzjonijiet | | | |
| XX 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka indiretta) | | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta) | | | | |
| Linji baġitarji oħrajn (speċifika) | | | | |
| **TOTAL** | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani mitluba għandhom jiġu koperti mill-membri tal-persunal mid-DĠ li jkunu diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk dan ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali ta' ġestjoni li tista' tingħata lid-DĠ skont il-proċedura annwali ta'allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti tal-baġit.

Deskrizzjoni ta' kompiti li għandhom jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | |
| Persunal estern | |

33 Taħt il-limitu massimu għall-persunal estern minn approprjazzjonijiet operattivi (linji "BA" preċedenti).

34 Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

### 3.2.4. *Kumpatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali preżenti*

- **X** Il-proposta/inizjattiva hija kumpatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali preżenti.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva ser tinvolvi programmar mill-ġdid tal-intestatura relevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

| |
|---|
| Spjega x'ipprogrammar mill-ġdid huwa meħtieġ, u speċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.<br><br>Mhux applikabbli |

- ☐ Il-proposta/inizjattiva teżiġi l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[35].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, u speċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.<br><br>Mhux applikabbli |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn terzi*

- **X** Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi
- Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn isfel:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 figuri deċimali)

| | Sena **2012** | Sena **2013** | ... daħħal is-snin li hemm bżonn biex turi l-perjodu tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp li jikkofinanzja | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati | | | | | | |

[35] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

### 3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

– **X** Il-proposta/ l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha dan l-impatt finanzjarju:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju.

Miljuni ta' EUR (sa 3 figuri deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għall-eżerċizzju tal-baġit li jinsab għaddej | Sena 2012 | Sena **2013** | … daħħal il-kolonni li hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Artikolu............... | | | | | | |

Għal dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja(i) baġitarja(i) tal-infiq affettwata(i).

| Mhux applikabbli |
|---|

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

| Mhux applikabbli |
|---|